

Dispożittiv

L-Artikolu 168(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi prattika nazzjonali li tawtorizza lill-persuna taxxabbi tnaqqas it-totalità tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-input imposta fuq l-akkwist ta' oġġett u servizzi minn dawn tal-aħħar għat-twettiq kemm ta' attivitajiet ekonomiċi, suġġetti għall-VAT, u kemm ta' attivitajiet mhux ekonomiċi, li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-VAT, minħabba l-assenza, fil-leġiżlazzjoni fiskali applikabbli, ta' regoli speċifiċi dwar il-kriterji u l-metodi ta' analiżi li jippermettu lill-persuna taxxabbi li tididetermina l-parti ta' din il-VAT tal-input imħalla li għandha titqies li hija marbuta, rispettivament, mal-attivitajiet ekonomiċi u mal-attivitajiet mhux ekonomiċi.

(¹) ĠU C 13, 15.01.2018.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-8 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden — il-Pajjiżi l-Baxxi) — Staatssecretaris van Financiën vs L. W. Geelen

(Kawża C-568/17) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Sitt Direttiva 77/388/KEE — Artikolu 9(2)(c) u (e) — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 52(a) — Artikolu 56(1)(k) — Provvista ta' servizzi — Post tat-tranżazzjonijiet taxxabbi — Rabta fiskali — Sessjonijiet interattivi ta' natura erotika ffilmjati u mxandrab bi streaming dirett permezz tal-internet — Attività ta' divertiment — Kunċett — Post fejn is-servizzi huma fiżikament imwettqa)

(2019/C 230/08)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinvju

Hoge Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Staatssecretaris van Financiën

Konvenut: L. W. Geelen

Dispożittiv

- 1) L-ewwel inċiż tal-Artikolu 9(2)(c) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2002/38/KE tas-7 ta' Mejju 2002, u l-Artikolu 52(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li provvista ta' servizzi kumplexa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkonsisti fl-offerta ta' sessjonijiet interattivi ta' natura erotika ffilmjati u mxandrab bi streaming dirett permezz tal-internet tikkostitwixxi "attività ta' divertiment", fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li għandha titqies li hija "fiżikament imwettqa", fis-sens tagħhom, fil-post fejn il-fornitur stabbilixxa s-sede tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu jew stabbiliment fiss li minnu s-servizz huwa pprovdut, jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-post tad-domiċiлю tiegħu jew tar-residenza abitwali tiegħu.

- 2) It-tanax-il inċiż tal-Artikolu 9(2)(e) tas-Sitt Direttiva 77/388, kif emendata bid-Direttiva 2002/38, u l-Artikolu 56(1)(k) tad-Direttiva 2006/112, moqrija flimkien mal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1777/2005 tas-17 ta' Ottubru 2005 li jistabbilixxi miżuri ta' implantazzjoni għad-Direttiva 77/388, għandhom jiġu interpretati fis-sens li provvista ta' servizzi, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkonsisti fl-offerta ta' sessjonijiet interattivi ta' natura erotika ffilmjati u mxandra bi streaming dirett permezz tal-internet ma taqqax, meta s-servizzi ġew ipprovduti lil beneficiarji li jinsabu kollha fl-Istat Membru tal-fornitur ta' dawn is-servizzi, taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

(¹) ĠU C 424, 11.2.2017.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ġħaxar Awla) tat-8 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Riigikohus — l-Estonja) — Mittetulundusühing Järvelaev vs Pöllumajanduse Registrite ja Informatsiooni Amet (PRIA)

(Kawża C-580/17) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika Agrikola Komuni — Għajnuna għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Regolament (KE) Nru 1698/2005 — Applikazzjoni ratione temporis — Artikolu 72 — Durabbiltà tal-operazzjoni jiet relatati mal-investimenti — Modifika sostanzjali tal-operazzjoni ta' investiment ikkofinanzjata — Oġġett miksub bis-saħħa ta' operazzjoni ta' investiment ikkofinanzjata mill-FAEŻR u mikri mill-beneficiarju tas-sussidju lil terz — Finanzjament, ġestjoni u monitoraġġ tal-politika agrikola komuni — Regolament (KE) Nru 1306/2013 — Artikoli 54 u 56 — Obbligu tal-Istati Membri li jirkupraw ħlasijiet mhux dovuti riżultanti minn irregolaritajiet jew minn negligjenzi — Kunċett ta' “irregolarità” — Bidu tal-proċedura ta' rkupru)

(2019/C 230/09)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Qorti tar-rinvju

Riigikohus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Mittetulundusühing Järvelaev

Konvenut: Pöllumajanduse Registrite ja Informatsiooni Amet (PRIA)

Dispożittiv

- 1) Id-durabbiltà ta' operazzjoni ta' investiment li, bħal fil-kawża prinċipali, ġiet approvata u kkofinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għall-perijodu ta' programmazzjoni 2007-2013 għandha tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 72 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Meta l-irkupru tas-somom imħallsa indebitament fil-kuntest ta' din l-operazzjoni jseħhi wara tniem l-imsemmi perijodu ta' programmazzjoni, jiġifieri wara l-1 ta' Jannar 2014, dan għandu jiġi bbażat fuq l-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008.
- 2) Il-fatt li l-beneficiarju ta' sussidju li, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ingħata fil-kuntest ta' operazzjoni ta' investiment ikkofinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) taħt l-assi Leader imsemmi mir-Regolament Nru 1698/2005, jagħti b'kiri l-oġġett miksub permezz ta' dan is-sussidju lil terz li jużah għall-istess attivitā bħal dik li kelleu jeżerċita l-beneficiarju tal-imsemmi sussidju jista' jikkostitwixxi modifika sostanzjali tal-operazzjoni ta' investiment ikkofinanzjata, fis-sens tal-Artikolu 72(1) ta' dan ir-regolament, u hija l-qorti tar-rinvju li għandha tivverifika dan b'teħid inkunsiderazzjoni